MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1128/2010

**Andrew Attard u Nazzareno sive Leslie Sammut u martu Maria Concetta Sammut**

**vs**

**Therese Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi fejn talbu li l-Qorti (1) tippregiggi terminu tal-konvenuta a tenur tal-artikolu 403 u 404 tal-Kap. 12 sabiex f'dan it-terminu l-konvenuta ggib il-quddiem b'kawza l-pretensjoni taghha u (2) timpedixxi lil konvenuta milli qatt izjed tagixxi ghal dik il-pretensjoni fin-nuqqas;

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet li l-atturi jridu jgibu prova ta' titolu fuq l-art u illi hi tgawdi titolu ta' lokazzjoni u ghalhekk ma kienet tivvanta ebda pretensjoni;

Rat is-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu 2012 li biha laqghet l-ewwel talba attrici u ordnat lil konvenuta tressaq il-pretensjoni taghha fi zmien tletin jum minn dakinhar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' April 2013 li kkonfermat is-sentenza fuq imsemmija u cahdet l-appell tal-konvenuta u ordnat illi t-terminu ta' tletin jum jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza ;

Rat l-atti u semghet lid-difensur tall-atturi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ta' jattanza li qeda quddiem din il-Qorti fit-tieni fazi taghha cioe t-tmexxija b'azzjoni tal-pretensjoni tal-konvenuta fiz-zmien moghti mill-Qorti u fin-nuqqas is-skiet perpetwu impost fuq il-konvenuta.

Jidher mid-database tal-Qorti illi l-konvenuta ma ressqet ebda procedura gudizjarja dwar il-pretensjoni maghmula minnha entro t-terminu impost mill-Qorti u la hi u anqas id-difensur taghha ma dehru ghas-seduta.

Ghalhekk jezistu c-cirkostanzji biex il-Qorti timponi skiet perpetwu fuq il-konvenuta dwar il-pretensjoni minnha vantata fil-konfront tal-atturi.

**Decide**

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba attrici u timponi fuq il-konvenuta skiet perpetwu dwar il-pretensjoni maghmula minnha fil-konfront tal-atturi. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------